MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru. 1367/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**JASON CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 453784 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, f’April 2012, u fix-xhur ta` qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta` aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illil jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet f’data jew ikkusinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Ltd.,.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310 (1) (a), 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma hekk dovuta lid-derubat fi zmien sitt (6) xhur millum ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Fin-nuqqas ta` dan, din il-Qorti tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputatl.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------